MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 432/2011

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**.

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) t'April ta' l-elf disa mija u sitta u tmenin (1986) (Ara Dok A) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separate b'kuntratt redatt minn Natur Dottor Elena B mid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru ta' l-elfejn u hamsa (2005) (Ara B);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom sitta u ghoxrin sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separate minn xulxin u sahansitra l-attur iffurma rabta stabbli ma’ persuna ohra;

Illi m’hemm l-ebda manteniment douvt lill-intimata f’dan l-istadju stante skont il-kuntratt tas-separazzjoni huma ddekadew reciprokament mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin (Ara Klawsola 2 ta’ Dok B);

Illi ghalkemm il-partijiet m’ghandhomx ulied minuri, huwa xorta jivversa lit-tifel Joseph ammont ta’ mija u ghoxrin ewro (€120) fix-xahar (Ara Dok C i – vi, annessi) li huwa ammont li jissupera dak pattwit fil-kuntratt ta’ separazzjoni (Ara Klawsola 5b ta’ Dok B);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li permezz tagħha s-sottomettiet is-segwenti:

Illi hemm qbil ma’ l-ewwel erba’ paragrafi tar-rikors promotorju izda l-bqija tar-rikors huwa kontestat;

Illi mhux minnu li l-kundizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti u ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda stante li r-rikorrent qatt ma hallas il-manteniment dovut lill-

martu ghal ibnu minuri Joseph B ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi ai termini tal-klawzola numru 5 b0 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness mar-rikors promotorju bhala document B ir-rikorrent intrabat li jaghti favur il-mara manteniment ghat-tifel minuri fl-ammont ta' ghaxar liri maltin (Lm10) cioe tlieta u ghoxrin Euro u disa' u ghoxrin centezmu (€23.29) fil-gimgha sakemm il-minuri Joseph B jaghlaq tmintax-il sena jew sakemm isib impjieg bi hlas skont liema eventawalita' tavvera ruhha l-ewwel;

Illi r-rikorrent qatt ma ottempera ruhu mal-obbligazzjoni tieghu ai termini tal-klawzola numru 5 b) tal-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk stante li l-minuri ghalaq it-tmintax-il sena tieghu nhar it-18 ta' Frar, tas-sena 2010 jirrizulta li hemm is-somma ta' hamest' elef, mija u erba' u ghaxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€5,124.62) rapprezentanti manteniment dovut lill-intimata ghal mitejn u ghoxrin (220) gimgha mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni sa' eghluq it-tmintax-il sena tal-minuri;

Illi l-intimata tikkonferma bil-gurament li hija qatt ma thallset l-ebda manteniment mir-rikorrent ghall-minuri Joseph B kif jimponi l-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi kwalunwke somma li issa qed tithallas lil Joseph B din bidet inghata lilu kemm ilu li ghalaq it-tmintax-il sena (18) u din qed isservi sabiex tghin lil Joseph B personalment stante li ghadu ma jahdimx u jistudja MCAST. Li kieku r-rikorrent ma kien qed ihallas xejn, kien ikun dritt ta' Joseph B li jirrikorri quddiem il-Qorti ghall-hlas ta' manteniment lilu skont il-ligi izda dawn il-hlasijiet xejn ma jxejnu d-dritt tal-intimata ghall-hlas tal-manteniment kif kien dovut ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni;

Ghaldaqstant l-intimata titlob, li fin-nuqqas li r-rikorrent ihallas is-somma ta' hamest' elef, mija u erba' u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€5,124.62) rapprezentanti manteniment mhux imhallsa lilha mir-rikorrent ghall-minuri Joseph B, titlob li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba ghall-

pronunzja tal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

Rat l-atti kollha;

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012 din il-kawza ġiet differita għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**PROVI**.

Minn Dokument B[1] jirrizulta li l-partijiet kienu resqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fid-29 ta' Novembru 2005. Fir-rigward tal-manteniment il-partijiet kienu iddikjaraw fuq il-kuntratt de quo li kienu it-tnejn iddekadew milli jitolbu manteniment minghand xulxin u fir-rigward tal-minuri Joseph l-attur kien intrabat li jhallas lill-konvenuta is-somma ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) pagabbli kull l-ewwel gimgha tax-xahar. Il-minuri dak iz-zmien kellu tlettax-il sena.

Fix-xhieda tagħha l-konvenuta iddikjarat[2] li qed tikkontesta t-talba tal-attur għad-divorzju għaliex issostni li għad għandha tieħu mingħandu s-somma ta' €5,124.62 arretrati ta' manteniment. Tghid hekk fix-xhieda taghha:

"Jiena nikkonferma bil-gurament li ghandi niehu minghand ir-ragel tieghi s-somma ta' €5,124.62c rapprezentanti arretrat ta' manteniment peress li r-ragel qatt ma onora l-obbligu tieghu kontenut fil-klawsola numru 5B a fol. 4 tal-process. Ghalkemm hu obbliga ruhu li jaghtini Lm10 fil-gimgha ghall-manteniment tat-tifel dan qatt ma tajhomli u sallum ghadni ma hadthomx. Jine ma kontx nitlobhomlu darbtejn ghax kont nibza' minnu, di fatti anki garanzija bil-Qorti ghandi kontra tieghu. It-tifel ghalaq it-tmintax fit-18 ta' Frar 2010 u sa dak iz-zmien kien ghadu l-iskola dan kien tah xi flus, dan qaluli Jospeh. Ma nafx kemm tah

[1] Fol.3
[2] Seduta 24 ta' Mejju 2012 (fol.25)

izda naf ukoll li Joseph qalli li kif bdew il-proceduri tad-divorzju dawn il-flus waqqafhomlu”.

Hija kompliet tispjega li Joseph kien jghix maghha sew qabel ghalaq it-tmintax-il sena kif ukoll wara. Hija cahdet li kien hemm xi ftehim li waqt li Joseph kien ghadu minorenni il-manteniment pattwit jghaddi direttament minghand l-attur ghal ghand il-minuri Joseph.

Il-konvenuta iddikjarat illi ghalkemm l-attur qatt ma hallasha manteniment ghall-minuri Joseph bejn is-sena 2005, is-sena tal-kuntratt tas-separazzjoni, u s-ssena 2010, is-sena li fiha Joseph sar maggorenni, hija qatt ma hadet passi legali kontra l-attur fir-rigward tal-arretrati tal-manteniment. Fuq id-domanda x’passi kienet hadet biex l-attur ihallasha manteniment wiegbet hekk:

“Le ma hadtx ghax l-ammont tal-manteniment li kelli ridt inrabbi zewgt itfal u ma kellix biex inhallas avukati, plus li kont bil-garanzija ma jersaqx lejja”.

L-attur xhed hekk [3]:

“Meta sseparajna jiena ntrabat li naghti l-ammont ekwivalenti ghall €23.29 fil-gimgha lill-minuri ibni, Joseph B, sakemm jaghlaq 18-il sena jew sakemm isib impjieg pero’ dan kien sar biss sabiex il-kuntratt ma jigix mizmum milli jipprocedi ghaliex fil-fatt jien kont naghti l-flus lill-uliedi minn jeddi diga’ minn qabel ma ffirmajna l-kuntratt u meta ffirmajna l-kuntratt, jiena u C konna ftehmna illi jiena nibqa’ ntihom manteniment it-tnejn li huma pero’ ntieh direttament lilhom u ftehmna wkoll illi dan nibqa’ naghmlu sakemm ikollhom ghoxrin sena. Fil-fatt it-tifla bqajt intiha naki wara li ghalqet ghaoxrin peress illi hija kienet ghadha ma bdietx taqbad il-paga.

Ghaldaqstant jiena veru li qatt ma ghaddejt flus lill-marti rigward manteniment pero’ dan ghaliex kien bi qbil bejnietna u kien bi qbil biex fil-fatt jien nhallas taz-zewgt

[3] Affidavit a fol. 31

ulied minflok ta' wild wiehed, anki ghal snin li ma kienux ikkontemplati bil-ligi.

Jien dejjem tajthomlhom il-flus lill-uliedi, fil-bidu xi Lm10 kull wiehed imbaghad maz-zmien zidthom ghaliex bdejt naghmel l-overtime u l-flus iz-zejda kont intihom lilhom. Jien mbaghad bdejt naghmel dawn il-flus direttament fil-bank lil Joseph fl-ammont ta' EUR 120 fix-xahar u ghaddejt dawn l-ircevuti lil din l-Onorabbli Qorti. Jien waqqaft dan il-pagament fi Frar ta' din is-sena meta ibni ghalaq 20 sena ghaliex hekk kien il-ftehim bejni u bejn il-mara.

Nghid ukoll illi ghalkemm jien spiccajt bla impjieg ghaliex il-lukanda Selmun Palace ghalqet xi sena u nofs ilu, wara tletin sena nahdem hemm, jien xorta bqajt naghti l-ammont li ftiehemt illi nghati lil Joseph sal-gurnata meta ghalq ghoxrin.

Jine kont sorpiz u ddisappuntat illi l-mara wara dawn is-snin kollha u l-agreement li kien hemm bejnietna, qieghda tghid illi jinea ma mantnejtx lill-uliedi u qieghda timxi mal-kuntratt illi dejjem konna injorajna ghall-ftehim li sar bejnietna, ghaliex issa tlabt id-divorzju. Hija infatti qatt ma kienet fethet kawzi ghall-manteniment u dan proprju minhabba dak li konna ftehmna.

Jiena ma nhossx illi huwa gust illi jiena nigi michud id-dritt illi niehu d-divorzju meta jiena dejjem hallast manteniment ghall-uliedi. Jiena lill-uliedi habbejthom u ilni snin twal, minn circa s-sena 2005 illi hallejtilhom id-dar tieghi u l-garaxx miktubin fit- testment tieghi"

Waqt ix-xhieda tieghu viva voce quddiem il-Qorti huwa sostna li l-Lm10 huwa kien ihallashom direttament lil ibnu u dan bi ftehim mal-konvenuta.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-artikoli rilevanti ghall-kawza odjerna huma l-artikoli 66B u 66D tal-Kodici Civili.

**Artikolu 66B** introdott fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-Att XIV tal-2011 jipprovdi illi:

**“**Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:
(*a*) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba’ snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(*b*) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(*ċ*) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:

Iżda l-miżżewġin jistgħu f’kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta’ manteniment:

Iżda wkoll għall-fini ta’ dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b’sentenza ta’ separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f’kuntratt ta’ separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:

Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b’kuntratt jew b’sentenza ma jġib ebda bidla f’dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.”

**“66D.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan is-Sub-Titolu, f’każ ta’ talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.

(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b’kuntratt jew b’sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista’ tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista’ tikkontesta din it-

talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(*a*) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba."

Qari taz-zewg provvedimenti legali appena citati juri illi sabiex in-nuqqas ta' hlas ta' manteniment jirnexxi bhala eccezzjoni f'kawza ghal divorzju jehtieg li jikkonkorru zewg elementi:

(1) Li l-attur kellu obbligu li jhallas manteniment in forza ta' kuntratt jew sentenza u naqas milli jonora tali manteniment; u
(2) Li jsir aktar difficli li l-manteniment jithallas jekk it-talba ghad-divorzju tintlaqa'.

**Nuqqas ta' Hlas ta' Manteniment.**

Il-konvenuta tallega li l-attur ma hallasiex manteniment u tichad li l-manteniment pattwit kien jithallas direttament lil binhom. Il-konvenut filwaqt li jammetti li ma kienx ihallasha l-Lm10 fil-gimgha manteniment ghal binhom, sostna li dan kien sar bi ftehim mal-konvenuta li l-Lm10 fil-gimgha minflok jithallsu lilha jghaddihom lill-minuri.

Jirrizulta mill-atti li l-minuri Joseph lahaq l-eta' magguri fi Frar ta' sentejn ilu. Il-konvenuta taqbel mal-attur illi prezentement l-attur jghaddi l-ammont ta' manteniment direttament f'idejn binhom izda ma taqbilx li huwa kien jaghmel hekk anke qabel ma' binhom ghalaq tmintax-il sena.

Irrizulta wkoll li mill-gurnata tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali sal-gurnata li pprezentat ir-risposta taghha ghal din il-kawza, hija qatt ma hadet passi

legali kontra zewgha talli ma kienx qed ihallas il-manteniment tal-minuri lilha direttament.

L-attur mill-banda l-ohra xhed li ghalkemm huwa veru li flus f'idejn il-konvenuta ma kienx ghadda bhala manteniment tal-minuri, dan sar bi ftehim mal-konvenuta. u li bi ftehim ukoll maghha huwa kien jghaddi l-flus direttament lill-minuri.

Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' x-xhieda tal-partijiet *viva voce* u waslet ghall-konkluzzjoni li l-verzjoni li ta l-attur hija kredibbli tenut kont tal-fatt illi ghal seba' snin shah il-konvenuta *ex admissis* ma hadet l-ebda pass sabiex tigbor il-manteniment pattwit fil-kuntratt.

Fir-risposta taghha il-konvenuta tiddikjara li hija taf bhala fatt li l-attur qieghed ihallas somma mensili lil binhom Joseph li ghadu jistudja *full-time* l-MCAST, izda tghid li dan beda jsir mit-18 ta' Frar 2010 meta Joseph ghalaq tmintax-il sena. Mill-banda l-ohra l-attur isostni li huwa kien diga jghaddi din is-somma flus direttament lil Joseph zmien sew qabel ghalaq it-tmintax kif ukoll wara. Il-fatt li l-konvenuta qatt ma hadet passi kontra zewgha sabiex il-manteniment tal-minuri jithallas direttament f'idejha isahhah il-kredibilita' tal-verzjoni tal-attur.

**Diffikulta' Akbar li Jingabar il-Manteniment**.

Kif aktar qabel spjegat, artikolu 66 D (2) tal-Kap. 16 jipprovdi illi oggezzjoni valida kontra talba ghal divorzju hi li l-pronunzjament tad-divorzju ser jaghmilha aktar difficli li l-manteniment jithallas.

Kien l-oneru tal-konvenuta li tressaq provi li juru li l-pronunzjament tad-divorzju ser jaghmilha aktar difficli li tigbor il-manteniment li tallega li ghad ghandha dritt tesigi minghand l-attur.

Isegwi ghalhekk illi l-konvenuta ma ssodisfatx dak rikjest mill-artikolu 66 D (2) tal-Kap.16 Ghal din ir-raguni wkoll l-oggezzjoni tal-konvenuta m'ghandiex fondament legali .

**KONKLUZZJONI.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici:

1. Tippronunzja d-divorzju ta’ bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------